**11 ta' Jannar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.,**

Francis Grima et.

*versus*

Carmelo Muscat et.

**Bżonnijiet tad-Dar Ordinarji u Ġjornaljeri — Mara — Preskrizzjoni — Rinunzja — Mandat — Azzjoni Sussidjarja — Art. 1143 u 1965(2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-mandat li għandha l-mara miżżewġa mir-raġel tagħha għar-rigward ta' kompri ta' bżonnijiet tad-dar, ordinarji u ġjornaljeri, ma jestendix anki għall-aljenazzjonijiet, u r-rikonoxximent ta' kreditu jammonta għall-aljenazzjoni tad-dritt tal-preskrizzjoni fil-kors tal-kompiment tagħha; għaldaqstant, il-mara ma tistax, lanqas għar-rigward ta' dawn il-kompri, tirrinunzja għall-preskrizzjoni ġa kompita bi preġudizzju ta' żewġha.*

*Barra minn dan, il-mara ma tistgħax tkun tenuta għal debiti simili ħlief "in subsidium", wara li jkun inutilment eskuss żewġha, u mhix tenuta "in solidum" miegħu; u billi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni testendi minn debitur għal ieħor jeħtieġ li jkun debitur mhux "in subsidium", imma solidali.*

*Għaldaqstant, jekk il-kreditur għal kompri simili jaġixxi kontra l-mara u r-raġel, il-mara għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, u r-raġel jista' jopponi l-preskrizzjoni kontra t-talba, u jista' jiddiskonoxxi kwalunkwe rinunzja li għal dik il-preskrizzjoni tkun għamlet martu bi ħsara tiegħu; salv li jibqa' responsabbli għall-istess kreditu, jekk jirriżulta li huwa jkun personalment interrompa l-preskrizzjoni, billi jkun ikkommetta atti inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-avviż tal-atturi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li bih talbu li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' £8.19.10 għal prezz ta' merċi lilhom mibjugħa u kunsinnati xi żmien ilu;

bl-interessi legali u bl-ispejjeż, konpriżi dawk tal-ittra privata, u bl-ingunzjoni għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Ottubru 1957, li biha lliberat lill-konvenuta Giovanna Muscat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż relattivi kontra l-atturi, u rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u kkundannat lill-istess Carmelo Muscat iħallas lill-atturi s-somma ta' £8.19.10 għall-prezz ta' merċi lilu mibjugħa u konsenjata; bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż relattivi kontra l-istess konvenut; wara li kkunsidrat;

L-attur qiegħed jippretendi l-ħlas tal-prezz ta' merċi forniti lill-konvenut. Kontra din it-talba, il-konvenut issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar. L-attur xehed li f'Novembru 1956 huwa talab il-ħlas lill-konvenuti, u dawn talbuh dilazzjoni għall-pagament; b'daqshekk il-preskrizzjoni ġiet interrotta, u minn dak inhar sal-lum għadhom ma għaddewx tmientax il-xahar. Veru li l-konvenuti ċaħdu li kellhom dan id-diskors mal-attur, imma mill-kumpless tax-xhieda l-Qorti jidhrilha li hi aktar attendibbli l-versjoni tal-attur minn tal-konvenut. Iżjed u iżjed, meta rriżulta li sa ftit xhur ilu l-konvenuta stess kienet ammettiet max-xhieda Elena Farrugia u Antonia Borg li hija kellha tagħti l-ammont mitlub. Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar għandha tiġi miċħuda;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut issolleva wkoll il-kwistjoni li l-konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Din l-eċċezzjoni tidher fondata. Infatti, l-attur qiegħed jaġixxi għall-ħlas ta' merċi forniti lill-konvenut. Għax-xiri tal-bżonnijiet tal-ħajja, il-mara tkun qegħedha taġixxi bħala mandatarja ta' żewġha; għalhekk, ladarba l-attur qiegħed jaġixxi kontra l-konvenut bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti, ma kienx hemm raġuni li hu jaġixxi wkoll kontra l-mara tal-konvenut;

Ikkunsidrat;

Fuq l-ammont mitlub, il-konvenut ma ssolleva ebda kwistjoni, u l-attur ikkonferma bil-ġurament li hu kreditur fl-ammont mitlub;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut Carmelo Muscat, u ċ-ċitazzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata fejn il-konvenuta Giovanna Muscat ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u revokata fejn l-attur (recte konvenut) appellant ġie kundannat iħallas is-somma ta' £8.19.10, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż relattivi, billi jiġi dikjarat u deċiż illi d-domanda tal-konvenuti (recte atturi) appellati hija infondata, u tiġi kwindi riġettata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-uniku pont li jimmerita komment f'dan l-appell hu dak jekk it-talba ta' dilazzjoni mill-mara tal-konvenut setgħetx tinterrompi l-preskrizzjoni favur l-atturi anki rigward il-konvenut żewġha. Din il-Qorti tirriżolvi dan il-kweżit negattivament; għaliex:—

1. Il-mandat taċitu li għandha l-mara miżżewġa għar-rigward ta' kompri simili (ara Vol. XXVI-I-340 Kollez.) ma jestendix anki għall-aljenazzjonijiet (ara art. 1956(2) Kap. 23), u r-rikonoxximent tal-kreditu jammonta għall-aljenazzjoni tad-dritt tal-preskrizzjoni fil-kors talkompiment tagħha;

2. Il-mara miżżewġa tista' tkun tenuta għal debiti simili, imma biss "in subsidium", wara li jkun inutilment eskuss żewġha (Kollez. Vol. XVI-II-215), u mhux "in solidum" miegħu. Issa, biex l-interruzzjoni testendi minn debitur għall-ieħor, jeħtieġ li jkunu debituri, mhux "in subsidium", imma solidali ( art. 1154 Kap. 23);

Għalhekk, dak li qalet mart il-konvenut ma għandux jitqies għall-finijiet tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni eċċepita;

Però, din il-Qorti, meta tqies ix-xhieda tal-attur fol. 7 fuq l-isfond tal-kumpless taċ-ċirkustanzi, tippropendi li temmen, kif fil-fatt temmen, lill-attur, meta dan xehed li l-konvenut appellant stess talbu dilazzjoni għall-ħlas sakemm idaħħal il-flus ta' għalqa esproprjata mill-Gvern. Dik it-talba tal-konvenut tikkostitwixxi interruzzjoni; għaliex hija att inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Għalhekk, din il-Qorti tirritjeni interrotta l-preskrizzjoni mħabba r-rikonoxximent tal-konvenut appellant, u tipprexxindi mill-kliem ta' martu li qieset l-Ewwel Qorti;

Għar-raġunijiet fuq esposti, u fis-sens tagħhom;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.